L-AKKADEMJA TAL-MALTI

AD 1920

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## TNEDIJA TA' *FUQ IL-PASSI TA' VASSALLI*

Waqt serata li għaliha attendew kemm riċerkaturi fl-oqsma tal-Malti kif ukoll studjużi tal-Istorja ta' Malta tnieda l-ktieb *Fuq il-Passi ta' Vassalli*, pubblikazzjoni tal-Klabb Kotba Maltin flimkien mal-Akkademja tal-Malti bil-patroċinju tal-President ta' Malta.

It-tnedija saret nhar il-25 ta' Jannar 2019 fil-Palazz ta' Sant'Anton u fl-istess okkażjoni l-Eċċellenza Tagħha kixfet lapida kommemorattiva biex jitfakkar għeluq il-190 sena mill-mewt ta' Missier l-Ilsien Malti.

Dan il-volum ta' 460 paġna jiġbor fih sitta u tletin kontribuzzjoni li jitfgħu dawl ġdid fuq Vassalli u jinkludi wkoll għadd sabiħ ta' ritratti ta' dokumenti u riproduzzjoni bil-kulur ta' ktejjeb rari,u ftit magħruf, tal-*Alfabeto Maltese.*

Matul is-serata tat-tnedija nqraw siltiet mill-kitbiet ta' Vassalli mill-Prof. Manwel Mifsud u saru diskorsi mill-Prof. Frans Ciappara, is-Sur Liam Gauci u l-Mons. Lawrenz Cachia.

Dettalji bijografiċi ta' Vassalli flimkien mal-għejun tagħhom jikkumplimentaw dan il-ktieb li għandu jkun f'idejn l-istudjużi tal-Malti kif ukoll dawk li għandhom għal qalbhom l-Istorja ta' pajjiżna.

Fid-diskors li għamlet f'din it-tnedija, il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, fissret li...

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

25.01.2019